

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1153/2007

tas-26 ta' Settembru 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2597/97 li jiddetta regoli addizzjonali dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib għall-ħalib tax-xorb

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2597/97 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-prodotti li għandhom ikunu kkunsidrati bħala ħalib tax-xorb, b'mod partikolari rigward il-kontenut tagħhom ta' xaħam.
- (2) Sabiex tkun iffaċilitata l-bidla minn regoli nazzjonali eżistenti qabel l-adeżjoni għal regoli Komunitarji, ġew adottati diversi derogi transizzjonali fl-okkażjoni ta' adeżjoni-ġiet reċenti.
- (3) B'kont meħud tad-diversi drawwiet tal-konsumaturi fi Stati Membri differenti kif ukoll id-derogi li qed jiskadu jidher xieraq li tkun permessa l-kummerċjalizzazzjoni, bħala ħalib tax-xorb, ta' prodotti b'kontenut ta' xaħam differenti mit-tliet kategoriji eżistenti.
- (4) Sabiex ikun hemm kjarezza għall-konsumaturi, tali ħalib madankollu m'għandux jissejjaħ ħalib sħiħ, ħalib nofsu

xkumat jew ħalib xkumat iżda l-persentaġġ tal-kontenut tiegħu ta' xaħam għandu jkun indikat b'mod ċar fuq l-imballaġġ.

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 2597/97 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2597/97 huwa miżjud it-tieni subparagrafu li ġej:

"Ħalib ittrattat bis-sħana li mhuwiex konformi mar-rekwiżiti ta' kontenut ta' xaħam stabbiliti fil-punti (b), (ċ) u (d) ta' l-ewwel subparagrafu għandu jkun ikkunsidrat ħalib tax-xorb sakemm il-kontenut ta' xaħam ikun indikat b'mod ċar b'deċimali waħda u jinqara b'mod faċli fuq l-imballaġġ f'forma ta' '... % xaħam'. Tali ħalib m'għandux jiġi deskritt bħala ħalib sħiħ, ħalib nofsu xkumat jew ħalib xkumat."

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Settembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SILVA

⁽¹⁾ Opinjoni tal-5 ta' Settembru 2007 (għadha mhijiex pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽²⁾ ĠU L 351, 23.12.1997, p. 13. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1602/1999 (ĠU L 189, 22.7.1999, p. 43).